



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' April 2009 (04.05)
(OR. en)**

**7880/1/09
REV 1**

CONCL 1

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
19/20 TA' MARZU 2009**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu hawn mehmuża l-verżjoni riveduta tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (19/20 ta' Marzu 2009).

Il-Kunsill Ewropew esprima fiduċja fil-kapaċità tal-UE li tittratta l-kriżi finanzjarja u ekonomika. Waqt li eżamina l-istimolu fiskali konsiderevoli li issa qed jingħata lill-ekonomija tal-UE (aktar minn EUR 400 biljun), huwa enfasizza li l-azzjoni u l-koordinazzjoni miftiehma huma parti essenzjali tal-istrateġija tal-Ewropa għar-rilanċ u enfasizza li l-Ewropa kienet ser tagħmel dak kollu meħtieġ biex jerġa' jkun hemm tkabbir. Huwa enfasizza wkoll li s-suq uniku kien ċentrali biex ir-reċessjoni fl-Ewropa tiqsar u ssir anqas ħarxa. Filwaqt li enfasizza l-ħtieġa li jerġa' jibda l-fluss tas-self lin-negozji u lill-familji, huwa qabel li jaċċellera l-qbil dwar proposti leġiżlattivi pendenti dwar is-settur finanzjarju. F'Ġunju, il-Kunsill Ewropew ser jieħu l-ewwel deċiżjonijiet għat-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-UE, li għandhom ikunu bbażati fuq il-proposti tal-Kummissjoni wara diskussjoni fil-fond fil-Kunsill dwar ir-rapport de Larosière. Abbażi tal-esperjenza tal-UE nfisha u x-xewqa għal kontribut sinifikanti biex tissawwar il-governanza internazzjonali futura tas-settur finanzjarju, huwa ddefinixxa l-pożizzjoni tal-Unjoni bil-ħsieb tas-Summit tal-G20 f'Londra fit-2 ta' April.

Il-Kunsill Ewropew reġa' rrefera wkoll għall-kwistjoni tas-sigurtà tal-enerġija. Huwa qabel speċifikament dwar l-orjentazzjonijiet għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' kriżi biex jittratta l-interruzzjonijiet tal-provvisti. Huwa kompli jieħu aktar passi bi tħejjija għall-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-tibdil fil-klima. Fl-aħħar nett, huwa qabel dwar Dikjarazzjoni li tniedi s-Sħubija tal-Lvant.

o
o o

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet ippreċeduta minn preżentazzjoni mis-Sur Hans-Gert Pöttering, President tal-Parlament Ewropew, li kienet segwita bi skambju ta' fehmiet.

o
o o

I. Sitwazzjoni ekonomika, finanzjarja u soċjali

L-indirizzar tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali huwa wieħed mill-aktar sfidi importanti li l-UE qatt kella taffronta. B'azzjoni konġunta, l-UE tista' tpoġġi lis-settur finanzjarju fuq sisien sodi, iġġib fluss ta' kreditu fl-ekonomija reali u tipproteġi liċ-ċittadini tagħha mill-aġħar impatti tal-kriżi. Il-miżuri meħuda biex jappoġġaw ir-rilanċ jistgħu jissawru wkoll biex jgħinu lill-UE tibni ekonomija aktar qawwija għall-futur.

Bini tal-fiduċja u promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja

1. L-Unjoni Ewropea tinsab impenjata għall-kisba mill-ġdid tal-fiduċja u l-funzjonament tajjeb tas-suq finanzjarju, li hija prekundizzjoni indispensabbli għas-soluzzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, billi tibni fuq ir-riżultat tas-Summit ta' Berlin tat-22 ta' Frar 2009, u l-laqgħa ministerjali tal-G20 tal-14 ta' Marzu 2009.
2. Il-miżuri ta' garanzija u ta' rikapitalizzazzjoni bikrija meħudin mill-Istati Membri fil-qafas tal-prinċipji komuni impedixxu kollass finanzjarju. Madankollu, jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri għall-proċess tal-funzjonament mill-ġdid tas-swieq tal-kreditu u l-iffaċilitar tal-fluss tas-self lill-ekonomija reali, inkluż billi jkunu indirizzati assi bankarji danneġġati abbażi tal-iżvelar sħiħ lill-awtoritajiet ta' sorveljanza. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Istati Membri biex jaġixxu b'mod ikkoordinat, b'konformità mal-linji gwida pprovduti mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2009 u b'rispett sħiħ tar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-Kunsill huwa mistieden jivvaluta l-effettività tal-miżuri meħuda kif ukoll is-sitwazzjoni ġenerali rigward l-istabbiltà u l-funzjonament tas-swieq finanzjarji u jirrapporta lura lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009. Fir-rigward tas-settur bankarju, l-appoġġ għall-banek matriċi m'għandu jimplika l-ebda restrizzjoni fuq l-attivitajiet ta' sussidjarji f'pajjiżi ospitanti tal-UE.
3. Id-daqs u l-kawżi fundamentali tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija attwali juru l-ħtieġa li tingħata forma ġdida għall-ġestjoni makroekonomika dinjija u għall-qafas regolatorju għas-swieq finanzjarji. Regoli prudenti, arranġamenti għall-ġestjoni ta' kriżijiet u l-qafas superviżorju għandhom jissaħħu b'mod ċar u konsistenti fil-livelli nazzjonali, Ewropej u globali. Regolamenti finanzjarji għandhom idgħajfu aktar milli jampifikaw iċ-ċikli ekonomiċi. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-FSF, lill-Kumitat ta' Basel dwar is-Sorveljanza Bankarja u lill-Kummissjoni biex jaċċelleraw il-ħidma tagħhom u biex jippreżentaw malajr rakkomandazzjonijiet adatti. Dan għandu jiġi kkumplementat b'inizjattiva b'saħħitha tal-UE għar-reviżjoni tal-istandards ta' kontabbiltà internazzjonali.
4. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex kemm jista' jkun malajr jilhqqu ftehim dwar l-atti leġislattivi li jirrigwardaw l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, is-solvenza tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni, il-ħtiġiet ta' kapital għall-banek, u l-pagamenti transkonfinali u l-flus elettroniċi, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu adottati qabel ix-xoljiment tal-Parlament.

5. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li jitjiebu r-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE u li r-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-sorveljanza finanzjarja ppresedut minn Jacques de Larosière huwa l-bażi għal azzjoni. Il-Kunsill jinsab inkarigat li jeżamina r-rapport, kif ukoll il-proposti mill-Kummissjoni, dwar it-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza tas-settur finanzjarju tal-UE bil-għan li jittieħdu l-ewwel deċiżjonijiet fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009. Fil-ħarifa ser isiru aktar proposti leġiżlattivi dettaljati. Ser issir ħidma wkoll rapida fuq il-proposti tal-Kummissjoni li ġejjin dwar il-fondi spekulattivi u l-ekwità privata, dwar ir-remunerazzjonijiet eżekuttivi u dwar it-tisħiħ ulterjuri tal-ħtiġiet ta' kapital.

Biex l-ekonomija reali terġa' tirpilja

6. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-fiduċja tiegħu rigward il-prospetti għaż-żmien medju u dak fit-tul tal-ekonomija tal-UE u d-determinazzjoni tiegħu li jagħmel dak li hu meħtieġ biex jerġa' jkun hemm it-tkabbir u l-impjiegi. Billi tkompli taħdem b'mod ikkoordinat, fil-qafas tas-Suq Uniku u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-UE ser tegħleb il-kriżi u ssir aktar b'saħħitha.
7. Kien hemm progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku adottat f'Diċembru li għadda. Għalkemm irid jgħaddi ż-żmien biex jinħassu l-effetti pożittivi fl-ekonomija, id-daqs tal-isforz fiskali (madwar 3,3 % tal-PDG tal-UE, jew aktar minn EUR 400 biljun) ser jġġenera investimenti ġodda, jagħti spinta lid-domanda, joħloq impjiegi u jgħin lill-UE timxi lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.
8. Il-Kunsill Ewropew laħaq ftehim¹ dwar il-parti Komunitarja tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, b'appoġġ għal proġetti fil-qasam tal-enerġija u l-internet broadband kif ukoll miżuri relatati mal-Verifika tas-Saħħa tal-PAK. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Presidenza biex taċċellera l-kuntatti mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jilħqu ftehim qabel ix-xoljiment tal-Parlament.

¹ Il-ftehim huwa stabbilt fid-dokument 7848/1/09 REV 1 li ser ikun soġġett għall-finalizzazzjoni legali.

9. B'mod ġenerali, madwar EUR 30 biljun qed isiru disponibbli minn riżorsi tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress milħuq b'mod partikolari dwar pagamenti antiċipati mill-fondi strutturali u ta' koeżjoni, il-ftehim dwar l-applikazzjoni fuq bażi volontarja ta' rati mnaqqsas ta' VAT kif ukoll dwar l-azzjonijiet tal-BEI biex jiżdiedu l-possibbiltajiet ta' finanzjament għall-SMEs. Huwa jappella għal ftehim rapidu li għandu jintlaħaq rigward ir-reviżjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.
10. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex isostnu l-ekonomija reali u l-impjiegi għandhom jiġu implimentati f'waqthom u jkunu mmirati u temporanji, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji gwida li ġejjin: jippromwovu ftuħ fis-suq intern kif ukoll fil-konfront ta' pajjiżi terzi; jiżguraw li ma ssirx diskriminazzjoni ta' prodotti u servizzi minn Stati Membri oħrajn; jiżguraw konsistenza mal-oġettivi ta' riforma għaż-żmien fit-tul. Għal dak l-għan l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkondividu l-informazzjoni u l-aħjar prattika u jgħaqqdu l-isforzi tagħhom biex jiġġeneraw sinerġiji. B'mod partikolari, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2009 tistabbilixxi qafas importanti għal azzjoni b'appoġġ tas-settur awtomobilistiku, inkluża l-koordinazzjoni Ewropea mtejbja tal-iskemi għat-tiġdid tal-flotot tal-karozzi.
11. It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma għar-rilanċ hija kruċjali kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll f'dak Komunitarju. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jwettqu evalwazzjoni u monitoraġġ tal-miżuri meħuda u jirrapportaw dwarhom lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009.
12. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-impenn sod tiegħu għal finanzi pubbliċi sodi u għall-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-Istati Membri għandhom jirritornaw għall-oġettivi baġitarji tagħhom fuq terminu medju malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jinżamm il-pass mar-rilanċ ekonomiku u f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex b'hekk jirritornaw għal pożizzjonijiet konsistenti ma' finanzi pubbliċi sostenibbli malajr kemm jista' jkun.

13. L-istabbiltà makrofinanzjarja hija element essenzjali għar-reżistenza tal-ekonomija Ewropea kollha kemm hi. Waqt li jiŕhaq fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri bħala valur fundamentali tal-UE, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu mħejjija, jekk meħtieġ, biex jaġixxu fuq bażi ta' każ b'każ , fuq il-baży tal-istrumenti disponibbli kollha u fejn meħtieġ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali. B'mod partikolari, il-Komunità tinsab lesta biex tipprovdi appoġġ għall-bilanċ tal-ħlasijiet għall-Istati Membri eliġibbli li jeħtiġu u, għal dan il-għan, jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel proposta biex il-limitu massimu għall-faċilità ta' appoġġ tal-Unjoni għall-assistenza tal-bilanċ tal-ħlasijiet jiġi rduppjat għal EUR 50 biljun.

Isir użu sħiħ mill-Istrateġija mġedda ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi

14. Fil-kriżi attwali, l-Istrateġija mġedda ta' Lisbona, inklużi l-Linji Gwida Integrati attwali, tibqa' l-qafas effettiv li jippromwovi impjiegi u tkabbir sostenibbli. Il-kriżi tissottolinja l-ħtieġa li jitwettqu u jkunu aċċellerati r-riformi strutturali, li ser isaħħu l-kredibbiltà u l-impatt tal-miżuri ta' stimolu. Il-miżuri għal żmien qasir meħuda mill-UE u mill-Istati Membri ser iġibu benefiċċji massimi jekk ikunu konformi mal-oġettivi għal żmien medju u fit-tul tal-Istrateġija.
15. Il-Kunsill Ewropew jendorsja r-rakkomandazzjonijiet integrati aġġornati speċifiċi għall-pajjiżi għall-politika ekonomika u dik dwar l-impjiegi tal-Istati Membri u jitlob biex dawn jiġu implimentati malajr. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew iħares 'il quddiem għall-proposti dwar l-Istrateġija ta' Lisbona post-2010 li l-Kummissjoni ser tippreżenta matul it-tieni nofs ta' din is-sena.

16. Il-ħidma għandha tkun aktar mgħaġġla u għandhom jittieħdu miżuri konkreti urġenti fl-oqsma li ġejjin: it-tneħħija tal-ostakoli waqt li ma jitħalliex li jonholqu oħrajn ġodda u l-kisba ta' suq intern kompletament operattiv; it-tnaqqis ulterjuri ta' piżijiet amministrattivi; it-titjib tal-qafas tal-kundizzjonijiet għall-industrija sabiex tinżamm bażi industrijali soda u għan-negozji b'fokus speċifiku fuq l-SMEs u l-innovazzjoni; l-inkoraġġiment tas-sħubija bejn in-negozji, ir-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ; u l-aċċellerazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-investment fir-riċerka, l-għarfien u fl-edukazzjoni. B'mod partikolari, fir-rigward tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta l-proposti kollha f'kull wieħed mit-13-il qasam prijoritarju qabel it-tmiem tal-mandat tagħha. Il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa ta' importanza vitali.
17. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2008 l-Kunsill Ewropew fakkar fir-rwol fundamentali tal-iżvilupp tat-telekomunikazzjoni u l-broadband f'termini ta' investment Ewropew, ħolqien ta' impjiegi u rilanċ ġenerali tal-ekonomija. B'kont meħud tar-riskji meħudin mill-kumpanniji ta' investment, għandhom ikunu promossi investment effiċjenti u innovazzjoni f'infrastruttura ġdida u mtejbja. Għal dan l-għan, diversi arranġamenti kooperattivi bejn l-investituri u l-partijiet li jfittxu l-aċċess biex jiddiversifikaw ir-riskju tal-investment għandhom ikunu permessi, filwaqt li jiġi żgurat li jinżammu l-istruttura kompetittiva tas-suq sħiħ u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. F'dan il-kuntest huwa jstieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija tal-broadband Ewropea, sa tmiem l-2009, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati.
18. Waqt li jirrikonoxxi li l-kummerċ liberu u ġust huwa element ewlieni għar-rilanċ dinji, il-Kunsill Ewropew jappella għal konklużjoni rapida tan-negozjati bilaterali dwar il-kummerċ u tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha tad-WTO.

L-indirizzar tal-impatt soċjali tal-kriżi

19. Iż-żieda rapida fil-qgħad tikkawża tħassib kbir. Huwa importanti li t-telf tal-impjieg u l-impatti soċjali negattivi jiġu evitati u limitati. L-istimolu tal-impjieg, b'mod partikolari bil-promozzjoni tal-kisba tal-ħiliet ġodda meħtieġa mill-impjieg ġodda, ukoll huwa prijorità. Il-bini fuq is-solidarjetà u li s-sistemi tal-protezzjoni soċjali jitħallew iwettqu r-rwol sħiħ tagħhom bħala stabbilizzaturi awtomatiċi huma punti ewlenin sabiex tiġi restawrata u msaħħa l-fiduċja u jgħinu jwittu t-triq lejn ir-rilanċ. Il-mobbiltà wriet ukoll li tikkontribwixxi sinifikattivament għat-tkabbir ekonomiku. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli u lil riskji ġodda ta' esklużjoni.
20. Is-Summit dwar l-Impjieg li għandu jsir f'Mejju 2009 ser jippermetti skambju ta' esperjenzi dwar safejn irnexxew il-miżuri ta' rilanċ li ttieħdu biex jappoġġaw l-impjieg. Huwa ser jeżamina, b'mod partikolari, kwistjonijiet bħaż-żamma tal-livelli ta' impjieg permezz tal-flessigurtà u l-mobbiltà, l-aġġornar tal-ħiliet u l-antiċipar tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, bil-għan li jidentifika orjentazzjonijiet konkreti. Huwa ser ikun ukoll opportunità biex tingħata ħarsa lejn it-tisħiħ u r-ristrutturar tas-suq tax-xogħol sabiex iħejjih għall-futur. Is-Summit ser jitħejja f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti, inklużi s-sħab soċjali.

Ħidma flimkien fil-livell globali

21. Kriżi globali tirrikjedi tweġibiet globali. Hija meħtieġa azzjoni koordinata u f'waqtha biex l-ekonomija globali terġa' taqbad it-triq lejn ir-rilanċ. F'konformità mal-eżitu tas-Summit ta' Berlin u l-laqqgħa ministerjali tal-G20, l-UE qed tagħti sehemha biex tappoġġa t-talba u ser tieħu l-azzjoni li tkun meħtieġa. L-isforzi tagħna jeħtieġ li jkunu riflessi fil-livell internazzjonali.

22. L-Unjoni Ewropea ser tieħu rwol prinċipali fil-livell globali fil-promozzjoni ta' ritorn rapidu lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli; fit-tisħiħ tal-kapaċità li niġġestixxu l-kriżijiet; fl-antiċipazzjoni tar-riforma tas-swieq finanzjarji; u fis-sostenn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jevitaw li jissugraw li jintilef il-progress miksub f'dawn l-aħħar snin, li b'hekk jimmina l-istabbiltà ekonomika u politika tagħhom. Is-Summit tal-G20 f'Londra għandu rwol kruċjali xi jwettaq biex tingħata forma ġdida lis-sistema finanzjarja dinjija u terġa' tissaħħaħ il-fiduċja tal-atturi ekonomiċi madwar id-dinja. Għal dak l-għan, il-Kunsill Ewropew jadotta l-pożizzjoni konġunta li tinsab fl-Anness 1 u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw segwitu xieraq għas-Summit.
23. Dwar dawn il-materji, l-Unjoni Ewropea ser tfittex li tippromwovi mekkaniżmi konsultattivi multilaterali li jistgħu jipparteċipaw fihom raggruppamenti reġjonali.

II. Enerġija u tibdil fil-klima

Tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni

24. Is-sigurtà tal-enerġija hija prijorità ewlenija li teħtieġ tissaħħaħ b'titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, diversifikazzjoni tal-fornituri, is-sorsi u r-rotot tal-provvista tal-enerġija, u promozzjoni tal-interessi tal-Unjoni dwar l-enerġija fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Biex jinkiseb riżultat fis-sigurtà tal-enerġija, l-UE kollettivament, kif ukoll kull Stat Membru, iridu jkunu lesti jgħaqqdu s-solidarjetà mar-responsabbiltà. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew jendorsja l-inizjattivi ġenerali msemminjin fit-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija (SER) u mirquma aktar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill (TTE) tad-19 ta' Frar 2009. B'mod partikolari, huwa jaqbel dwar dan li ġej:

- L-infrastrutturi tal-enerġija u l-interkonnessjonijiet iridu jiġu żviluppati. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, hija mistiedna tippreżenta mill-aktar fis l-azzjonijiet dettaljati meħtieġa biex jitwettqu l-oqsma ta' prijorità identifikati fis-SER¹. Dawn l-azzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għal proġetti maqbulin prijoritarji ta' enerġija oħrajn. Għal aktar 'il quddiem, il-Kummissjoni hija mistiedna biex kmieni fl-2010 tippreżenta l-proposta tagħha għal Strument ġdid għas-Sigurtà u l-Infrastruttura tal-Enerġija tal-UE.
- Il-kriżi tal-gass ta' dan l-aħħar uriet il-hteġġa urġenti li jinħolqu mekkaniżmi adegwati għall-kriżijiet fl-UE kif ukoll li ssir ħidma biex jinkisbu garanziji ċari mill-fornituri u l-imsieħba tat-transitu li mhux ser ikun hemm interruzzjoni fil-provvisti. Il-Kunsill għandu jeżamina sat-tmiem l-2009 l-proposti li ser tippreżenta l-Kummissjoni biex tiġi riveduta l-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass. Dawn għandhom jinkludu mekkaniżmu adatt għall-kriżijiet li jiżgura l-istat ta' tħejjija tal-atturi kollha, inkluża l-industrija tal-enerġija, it-trasparenza u l-informazzjoni minn qabel permezz tal-iżvilupp ta' pjani tal-UE u reġjonali għas-sigurtà tal-provvista; solidarjetà fost l-Istati Membri permezz tal-iżvilupp ta' pjani reġjonali; u valutazzjoni u koordinazzjoni mtejbin permezz tad-definizzjoni mill-ġdid ta' meta għandhom jittieħdu deċiżjonijiet fl-ivell Komunitarju.
- Il-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija jista' jkollha kontribut ewlieni għas-sigurtà tal-enerġija. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jappella lill-Kunsill biex jaqbel, qabel tmiem is-sena, dwar il-proposti li jinsabu fil-Pakkett dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi mill-aktar fis reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija.
- Suq tal-enerġija intern li jkun effiċjenti, liberalizzat u b'konnessjonijiet tajbin huwa prerekwiżit għal politika effettiva dwar is-sigurtà tal-enerġija. Għalhekk il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jikkonkludu ftehim dwar it-tielet pakkett għas-Suq tal-Enerġija Intern qabel ix-xoljiment tal-Parlament.

¹ Il-Kuritur tal-Gass fin-Nofsinhar, provvista diversifikata u adegwata ta' gass naturali likwifikat għall-Ewropa, interkonnessjoni effettiva tar-reġjun Baltiku, iċ-Ċirku tal-Enerġija fil-Mediterran, interkonnessjonijiet adegwati tal-gass u tal-elettriku bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fl-Ewropa Ċentrali u fix-Xlokk tal-Ewropa, u s-sistema ta' distribuzzjoni fil-baħar tal-Baħar tat-Tramuntana u fil-Majjistral.

- Waqt li jenfasizza l-importanza tad-diversifikazzjoni tas-sorsi, tal-karburanti u tar-rotot tal-provvista tal-enerġija, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-parti dejjem aktar importanti li għandha l-enerġija fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex sal-aħħar tas-sena tippreżenta l-proposti għal azzjoni konkreta dwar l-iżvilupp tal-kuritur fin-Nofsinhar, inkluż mekkaniżmu li jiffaċilita l-aċċess għall-gass tal-Kaspiju. Huwa ta' importanza partikolari għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jkomplu jwasslu messaġġi konsistenti ("titkellem b'vuċi waħda") lill-pajjiżi fornituri u ta' transitu.
- Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll fil-ħtieġa li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi tal-enerġija tagħha, inklużi sorsi ta' enerġija rinnovabbli, karburanti fossili u, fil-pajjiżi li jagħżlu li jagħmlu dan, l-enerġija nukleari.

Thejjiġa għall-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-tibdil fil-klima

25. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li jkollha rwol prinċipali sabiex jintlaħaq ftehim globali u komprensiv dwar il-klima, f'Diċembru 2009 f'Kopenhagen, li jkun imfassal biex jillimita t-tisħin globali għal inqas minn 2°C. Għal dan l-għan, il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn tal-UE għal tnaqqis ta' 30 % fl-emissjonijiet bħala l-kontribut tagħha għal ftehim bħal dan dment li l-pajjiżi żviluppati l-oħra jintrabtu bi tnaqqis paragonabbli fl-emissjonijiet u li l-pajjiżi avvanzati li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu adegwatament b'mod li jaqbel mar-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill f'Marzu 2009 jagħtu aktar dettalji tal-isforzi li l-UE qed tistenna mill-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, inkluża l-ħtieġa li l-mira ġenerali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw titqassam b'mod ġust u li jiżgura li jsiru sforzi paragonabbli.
26. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-bini ta' suq tal-karbonju globali, inkluż il-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif riformat.

27. Ser ikunu meħtieġa sorsi interni u esterni sinifikanti ta' finanzjament, kemm privati kif ukoll pubbliċi, biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppawli huma l-aktar vulnerabbli. L-Unjoni Ewropea ser tippovdi sehem xieraq mill-finanzjament ta' dawn l-azzjonijiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Diskussjonijiet fil-futur dwar il-ġenerazzjoni ta' appoġġ finanzjarju għandu jiffoka fuq, fost oħrajn, approċċi differenti, inkluż approċċ kontributorju bbażat fuq skala maqbula, approċċi bbażati fuq is-suq ibbażati fuq arranġamenti ta' rkantar jew taħlita ta' dawn u ta' għażliet oħrajn.
28. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa ta' esplorazzjoni f'aktar dettal tal-mekkaniżmi ta' finanzjament internazzjonali. Huwa ser jiddetermina minn ħafna qabel il-Konferenza ta' Kopenhagen: 1) il-pożizzjonijiet tal-UE dwar l-approċċi prinċipali għall-finanzjament tal-mitigazzjoni, l-adattament, l-appoġġ teknoloġiku u l-bini tal-kapaċità, 2) l-ispeċifikitajiet tal-kontribut tal-UE u 3) il-prinċipji tal-kondiviżjoni tal-piż bejn l-Istati Membri. Dan ser isir abbażi ta' proposti konkreti mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea ser tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma l-aktar vulnerabbli.

III. Politika Ewropea tal-Viċinat

Sħubija tal-Lvant

29. Il-promozzjoni tal-istabbiltà, il-governanza tajba u l-iżvilupp ekonomiku fil-viċinat tagħha tal-Lvant hija ta' importanza strateġika għall-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istabbiliment ta' Sħubija tal-Lvant ambizzjuża u jadotta d-Dikjarazzjoni annessa għal dawn il-konklużjonijiet. Huwa jitlob biex isiru t-tnejn kollha meħtieġa għas-summit ta' tnedija tas-Sħubija tal-Lvant mal-pajjiżi sħab fis-7 ta' Mejju 2009.

30. Is-Sħubija tal-Lvant ser tippromovi l-istabbiltà u l-prosperità fost l-isħab tal-Lvant tal-UE koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat. Il-Kunsill Ewropew jimpenja ruħu, skont it-termini stabbiliti fid-dikjarazzjoni, għal impenn bilaterali aktar profond u għal qafas multilaterali ġdid li jinvolvi l-UE, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina, li jimmira għall-aċċellerazzjoni tar-riformi, l-approssimazzjoni legiſlattiva u aktar integrazzjoni ekonomika.
31. Il-Kunsill Ewropew ikompli jappella lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Presidenza attwali u lil dik li ġejja biex javvanzaw rapidament bl-implimentazzjoni Prattika tas-Sħubija flimkien mal-isħab u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta fi żmien debitu rapport dwar l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tas-Sħubija tal-Lvant.

Unjoni għall-Mediterran

32. Il-Kunsill Ewropew itenni li huwa ser isaħħaħ is-sħubija tiegħu mal-isħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Huwa jappella għall-issuktar tal-implimentazzjoni tal-proġetti identifikati fis-Summit ta' Pariġi. B'rabta ma' dan huwa importanti li titħaffef il-ħidma dwar l-istabiliment tas-segretarjat permanenti tal-Unjoni għall-Mediterran f'Barċellona.

IV. Relazzjonijiet UE-Stati Uniti

33. Il-Kunsill Ewropew ġie infurmat mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tnejjijiet għas-Summit informali UE-Stati Uniti li ser isir fil-5 ta' April 2009 fi Praga. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-importanza strateġika tar-relazzjonijiet transatlantiċi. Huwa jaqbel li għandhom jiġu diskussi, b'mod partikolari, kwistjonijiet ekonomiċi, is-sigurtà tal-enerġija u t-tibdil fil-klima u l-approċċ strateġiku lejn iż-żona bejn il-Baħar Mediterran u l-Baħar Kaspju.

V. Trattat ta' Lisbona

34. Il-Kunsill Ewropew kien infurmat dwar l-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona. Huwa ser jerġa' lura għal dan il-punt fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2009.
35. Bħala punt ta' informazzjoni, il-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka rrapporta dwar l-istat ta' ratifika tat-Trattat ta' Lisbona fir-Repubblika Ċeka. Wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ċeka tas-26 ta' Novembru 2008, il-Kamra tad-Deputati tal-Parlament Ċek awtorizzat din ir-ratifika fit-18 ta' Frar 2009 ¹ u s-Senat ser jiddibatti dan is-suġġett fil-ġimgħat li ġejjin.

¹ F'din l-okkażjoni, il-Parlament Ċek fakkar li l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, meta jidħol fis-seħħ, ser ikollu jirrispetta l-prinċipji ġenerali tal-liġi, inkluż il-prinċipju ta' non-retroattività u l-prinċipju tas-sussudjarjetà.

TEST MAQBUL BIL-ĦSIEB TAS-SUMMIT TAL-G20 F'LONDRA

Azzjoni internazzjonali ta' tmexxija meħtieġa biex ikun promoss ritorn rapidu lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli

- (i) F'konformità mal-eżitu tas-Summit ta' Berlin u l-laqgħa ministerjali tal-G20, it-tkomplija tal-koordinazzjoni internazzjonali ta' miżuri għal stimolu fiskali. L-implimentazzjoni rapida ta' pakketti ppjanati ta' stimolu fiskali. Titħejja revoka ordnata tal-istimoli makroekonomiċi.
- (ii) Tingħata prijorità lill-proċess tal-funzjonament mill-ġdid tas-swieq tal-kreditu u jiġi ffaċilitat il-fluss tas-self lill-ekonomija, li huwa kruċjali għall-effettività tal-istimoli fiskali. Jittieħdu azzjonijiet f'waqthom u koordinati waqt li jkunu salvagwardati l-kondizzjonijiet ekwivalenti.
- (iii) Tiġi żgurata l-konsistenza tal-miżuri fiskali mal-oġġettivi aktar fit-tul bħall-finanzi pubbliċi sostenibbli, it-titjib tal-produttività u l-indirizzar tal-isfidi tal-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu u tat-tibdil fil-klima.
- (iv) Is-swieq jinżammu miftuħa u tiġi evitata kwalunkwe forma ta' miżuri protezzjonisti (ebda ostakolu ġdid għall-investiment jew għall-kummerċ u ebda restrizzjoni ġdida fuq l-esportazzjoni). Jittieħed impenn biex jintlaħaq ftehim rapidu dwar il-modalitajiet għall-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp b'eżitu ambizzjuż u bbilanċjat.
- (v) Tiġi appoġġata inizjattiva multilaterali dwar il-finanzjament tal-kummerċ, peress li n-nuqqas fil-finanzjament tal-kummerċ jikkontribwixxi għaż-żieda fit-tnaqqis tal-kummerċ dinji. Jiġu appoġġati l-isforzi biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-kummerċ jilħaq in-negozji kollha, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kemm fid-dinja żviluppata kif ukoll fid-dinja li qiegħda tiżviluppa, u li dan isir malajr u mingħajr ma jinħolqu distorsjonijiet.

Insaħħu l-kapaċità tagħna li nimmaniġġaw u nipprevjenu l-kriżijiet fil-livell dinji

- (vi) Il-FMI ikun responsabbli mill-monitoraġġ u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni adottat fis-Summit tal-G20 f'Washington f'Novembru 2008, fil-qasam tar-regolamentazzjoni finanzjarja f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Forum tal-Istabbiltà Finanzjarja (FSF).
- (vii) Jittejbu l-istrumenti ta' sorveljanza tal-FMI sabiex jissaħħaħ ir-rwol prinċipali tiegħu fil-prevenzjoni tal-kriżijiet. Tittejjeb il-kollaborazzjoni bejn il-FMI u l-FSF immirata biex tidentifika riskji u dgħjufijiet sistemiċi li jirriżultaw mis-settur u r-regolamentazzjoni finanzjarji u jiġi żgurat li l-membri jieħdu azzjoni korrettiva.
- (viii) Żieda sostanzjali ħafna fir-riżorsi tal-FMI sabiex il-Fond ikun jista' jgħin lill-membri tiegħu rapidament u b'mod flessibbli jekk huma jesperjenzaw diffikultajiet ta' bilanċ tal-ħlasijiet. Il-qafas tas-self tal-FMI għandu jkun issimplifikat u aġġustat biex isaħħaħ il-kapaċità tal-Fond li jipprevjeni u jirreaġixxi għall-kriżijiet. Għal appoġġ ta' kriżi speċifika, l-Istati Membri tal-UE huma lesti li jipprovdu fuq bażi volontarja appoġġ temporanju rapidu għall-kapaċità ta' self tal-FMI f'forma ta' self għal ammont totali ta' EUR 75 biljun.
- (ix) Tiġi appoġġata r-riforma tal-governanza tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs). Tiġi implimentata rapidament ir-riforma tal-kwoti u tal-voti tal-FMI ta' April 2008. Issir riforma tal-FMI sabiex huwa jirrifletti b'mod aktar adegwat il-piżijiet ekonomiċi relattivi fid-dinja ekonomika u jiġi rieżaminat il-proċess għall-għażla tal-ogħla amministraturi tal-IFIs billi jsir aktar trasparenti u bbażat fuq il-mertu. Tintlaqa' l-espansjoni tal-FSF għall-membri kollha tal-G20, Spanja u l-Kummissjoni Ewropea u jiġi appoġġat it-tisħiħ istituzzjonali tal-FSF.
- (x) Issir ħidma biex jinstab kunsens dwar, u tiġi adottata, Karta Globali għall-Attività Ekonomika Sostenibbli, abbażi tal-forzi tas-suq, iżda billi jiġu evitati l-eċċessi, bħala l-ewwel pass lejn sett ta' standards dinjin ta' governanza.

Regolamentazzjoni aħjar tas-swieq finanzjarji

- (xi) Tissaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà biex jiġu evitati l-iżbalji tal-passat, b'mod partikolari billi s-sorveljanza makroprudenzjali ssir parti standard tas-superviżjoni tas-settur finanzjarju.
- (xii) Tiġi żgurata regolamentazzjoni u superviżjoni adegwata tas-swieq, il-prodotti u l-partiċipanti finanzjarji kollha li jistgħu jippreżentaw riskju sistemiku, mingħajr eċċezzjoni u indipendentement mill-pajjiż ta' domiċilju tagħhom. Dan huwa partikolarment minnu għall-konsorzjamenti ta' kapital, inklużi fondi spekulattivi, l-ekwità privata u strumenti ta' investment alternattivi.
- (xiii) L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jiġu soġġetti għal regolazzjoni u sorveljanza adegwati b'mod internazzjonalment konsistenti, biex jiġu żgurati l-kwalità u t-trasparenza tal-klassifikazzjonijiet u jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.
- (xiv) Jittejbu t-trasparenza u l-kapaċità ta' rkupru ta' swieq tad-derivattivi tal-kreditu, speċjalment billu jiġu promossi l-istandardizzazzjoni tal-kuntratti u l-użu ta' kontropartijiet ta' kklerjar ċentrali, soġġetti għal regolamentazzjoni u sorveljanza aħjar.
- (xv) Jiġu miġġielda b'determinazzjoni l-evazzjoni fiskali, ir-reati finanzjarji, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll kwalunkwe theddida oħra għall-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq. Is-sistema finanzjarja tiġi protetta minn ġurisdizzjonijiet li mhumieks trasparenti, li ma jikkoopearawx u li huma regolati laxkament, inklużi ċentri off-shore. Jintalab elenku ta' tali ġurisdizzjonijiet filwaqt li jittieħed kont ta' żviluppi riċenti u jiġi żviluppat sett ta' sanzjonijiet li jippermetti l-applikazzjoni ta' kontromiżuri adegwati u gradwali. Jintalbu proposti mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, l-OECD u l-FSF.
- (xvi) Jiġu adottati prinċipji komuni sodi fuq il-governanza korporattiva u l-prattiki ta' remunerazzjoni, filwaqt li jiġi evitat li l-iskemi tal-kumpens jinċentivaw teħid ta' riskju eċċessiv. L-iskemi kompensatorji għandhom ikunu rieżaminati mis-sorveljanti, appoġġati minn reġim ta' eżekuzzjoni effettiv.

- (xvii) Tittejjeb il-kooperazzjoni tas-sorveljanza, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment rapidu tal-kulleġġi tas-sorveljanti għall-istituzzjonijiet finanzjarji transkonfini ewlenin kollha qabel tmiem l-2009. Is-sorveljanti għandhom jiskambjaw il-prassi tajba u jippromovu l-konverġenza globali tal-prattiki.
- (xviii) Tittejjeb ir-regolamentazzjoni dwar il-kapital tal-banek, biex jiġi żgurat li l-banek jibnu riżervi addizzjonali ta' riżorsi fi żminijiet pożittivi, sabiex ikunu mġhammra aħjar biex jaffrontaw iż-żminijiet negattivi. Il-gruppi ta' ħidma u l-istituzzjonijiet attivi f'dan il-qasam jitħeġġu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet adegwati malajr kemm jista' jkun, b'kont meħud tal-effettività tar-regoli eżistenti (Basel II).
- (xix) Jittejbu r-regoli prudenzjali u l-istandards tal-kontabbiltà biex jiġu mitigati l-effetti proċikliċi tagħhom u tittejjeb ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà, billi jkunu riformati aktar il-governanza u l-mandat tiegħu.
- (xx) Jiġi previst infurzar rigoruż tar-regolamentazzjoni u t-trasparenza finanzjarja, appoġġati minn sanzjonijiet proporzjonati u dissważivi, sabiex tiġi promossa l-integrità fis-swieq finanzjarji. Jiġu riveduti r-regoli interni dwar it-tmexxija tan-negozju biex jiġu protetti s-swieq u l-investituri, kif meħtieġ f'diversi setturi u swieq.

L-appoġġ għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fir-reazzjoni tagħhom għall-effetti tal-kriżi

- (xxi) Jiġi promoss l-iżvilupp dinji bħala parti mis-soluzzjoni għall-kriżi dinjija u bażi għall-paċi u l-istabbiltà.
- (xxii) Jiġu rrispettati l-impenji biex tiżdied l-assistenza għall-iżvilupp. Jiġi riaffermat l-impenn li jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Jinżammu l-wegħdiet ta' għajjnuna għall-kummerċ u jingħata aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

- (xxiii) Isir użu sħiħ ta' sorsi uffiċjali oħrajn ta' finanzjament, bħall-krediti għall-esportazzjoni u l-garanziji tal-investiment kif ukoll appoġġ orjentat lejn l-iżvilupp fl-oqsma tar-riċerka u t-teknoloġija, il-paċi u s-sigurtà, il-migrazzjoni u t-tibdil fil-klima. Jissaħħu l-effettività u l-koordinazzjoni ta' strumenti u riżorsi.
- (xxiv) Il-Banek Multilaterali ta' Żvilupp ikunu permessi jgħinu biex jikkumbattu l-effetti tal-kriżi fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, partikolarment rigward il-popolazzjonijiet li huma l-ifqar u l-aktar vulnerabbli.
-

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL EWROPEW DWAR IS-SĦUBIJA TAL-LVANT

1. Il-promozzjoni tal-istabbiltà, il-governanza tajba u l-iżvilupp ekonomiku fil-viċinat tagħha tal-Lvant hija ta' importanza strateġika għall-Unjoni Ewropea. L-UE għalhekk għandha interess qawwi fl-iżvilupp ta' relazzjoni mill-qrib dejjem tikber mal-isħab tagħha tal-Lvant, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina. Il-proposta tal-Unjoni Ewropea għal Sħubija tal-Lvant ambizzjuża li għandha tkun stabbilita ma' dawn il-pajjiżi sservi dan l-oġettiv.

Is-Sħubija tal-Lvant ser twassal għal tisħiħ sinifikanti tal-politika tal-UE fir-rigward tal-isħab tagħha tal-Lvant billi tfittex li toħloq il-kondizzjonijiet meħtieġa għal assoċjazzjoni politika u aktar integrazzjoni ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-isħab tagħha tal-Lvant permezz tal-iżvilupp ta' dimensjoni tal-Lvant speċifika tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Biex tikseb dan, is-Sħubija tal-Lvant tfittex li riformi politiċi u soċjo-ekonomiċi, filwaqt li tiffaċilita l-approssimazzjoni u l-konverġenza lejn l-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, is-Sħubija tal-Lvant ser tgħin biex tibni l-fiduċja u tiżviluppa rabtiet eqreb fost is-sitt isħab tal-Lvant innifishom.

2. Il-ħidma taħt is-Sħubija tal-Lvant ser tkompli mingħajr preġudizzju għall-aspirazzjonijiet tal-pajjiżi parteċipanti individwali għar-relazzjoni futura tagħhom mal-Unjoni Ewropea. Is-Sħubija tal-Lvant ser tkun irregolata mill-prinċipji ta' appartenenza konġunta, divrenzjar u kondizzjonalità. Il-valuri kondiviżi inkluża d-demokrazija, l-istat tad-dritt, u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem ser ikunu fil-qalba tagħha, kif ukoll il-prinċipju tal-ekonomija tas-suq, l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba. L-impenn akbar tal-Unjoni Ewropea ser ikun konformi mal-miri prinċipali tas-Sħubija tal-Lvant, skont il-progress li jsir mill-isħab individwali. Żieda fl-appoġġ finanzjarju konformi mal-proposta tal-Kummissjoni ta' EUR 600 miljun għall-perijodu sal-2013 ser tirrispetta r-riżorsi disponibbli taħt il-Qafas Finanzjarju multiannwali, inklużi marġini adegwati.

3. Ser ikun hemm komplimentarjetà effettiva bejn is-Sħubija tal-Lvant u l-inizjattivi reġjonali eżistenti fil-viċinat tal-UE, b'mod partikolari s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-impenn tal-UE li ssaħħa is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u biex tappoġġa l-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li tinnota li l-attenzjoni tagħha hija fuq il-kooperazzjoni reġjonali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, mentri s-Sħubija tal-Lvant tiffoka fuq l-approssimazzjoni u ser issaħħa ir-rabtiet tal-pajjiżi sħab mal-UE. Is-Sħubija tal-Lvant ser tkun ukoll żviluppata b'mod parallel mal-kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi.
4. Il-kooperazzjoni bilaterali taħt is-Sħubija tal-Lvant għandha tipprovdi l-bażi għal Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ġodda bejn l-UE u dawk l-isħab li jkunu għamlu biżżejjed progress lejn il-prinċipji u l-valuri mniżżlin fil-paragrafu 2 hawn fuq u li huma lesti u kapaċi jikkonformaw mal-impenji li jirriżultaw inkluż l-istabbiliment, jew l-oġettiv li jiġu stabbiliti, żoni profondi u komprensivi ta' kummerċ ħieles. Il-Programmi Komprensivi ta' Bini ta' Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ser jgħinu lill-pajjiżi parteċipanti biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom. Is-Sħubija tal-Lvant ser tippromwovi l-mobbiltà taċ-ċittadini tal-pajjiżi sħab permezz ta' fehmiet dwar l-iffaċilitar tal-viża u dwar ir-riammissjoni. L-UE, f'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni, għandha tieħu wkoll passi gradwali lejn liberalizzazzjoni sħiħa tal-viża bħala għan fil-perijodu fit-tul għal pajjiżi sħab individwali fuq bażi ta' każ b'każ dment li l-kondizzjonijiet għal mobbiltà ġestita b'mod tajjeb u sigura jkunu attwati. Is-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li ssaħħa il-kooperazzjoni fis-sigurtà tal-enerġija tal-partiċipanti kollha fir-rigward tal-provvista u t-transitu tal-enerġija għal perijodu twil, inkluż permezz ta' regolamentazzjoni aħjar u fl-effiċjenza tal-enerġija. Hija ser tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-isħab il-kompetenzi tal-UE fil-politiki soċjali u ta' żvilupp ekonomiku.
5. Il-qafas multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant ser jipprevedi attivitajiet ta' kooperazzjoni u dialogu filwaqt li jaqdi l-oġettivi tas-Sħubija. Huwa għandu jopera abbażi tad-deċiżjonijiet konġunti tal-Istati Membri tal-UE u tal-isħab tal-Lvant, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tal-UE fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Kunsill Ewropew jipproponi li jsiru laqgħat regolari, fil-prinċipju darba kull sentejn, fil-livell tal-Kapijiet tal-Istati jew tal-Gvernijiet tas-Sħubija tal-Lvant, u darba fis-sena fil-livell tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin. Għandhom jiġu stabbiliti erba' pjattaformi tematiċi skont l-oqsma prinċipali ta' kooperazzjoni (Demokrazija, governanza tajba u stabbiltà; Integrazzjoni ekonomika u konverġenza mal-politiki tal-UE; Sigurtà tal-enerġija; u Kuntatti bejn in-nies). Il-Kunsill Ewropew jappoġġa wkoll it-tnedija ta' Inizjattivi Gwida sabiex jingħataw momentum u sustanza konkreta lis-Sħubija. L-UE tistenna b'interess diskussjoni bikrija mal-isħab f'dan ir-rigward.

Pajjiżi terzi ser ikunu eliġibbli għall-parteċipazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ fi proġetti konkreti, attivitajiet u laqgħat ta' pjattaformi tematiċi, fejn din tikkontribwixxi għall-oġettivi ta' attivitajiet partikolari u l-oġettivi ġenerali tas-Sħubija tal-Lvant.

6. Is-Sħubija tal-Lvant ser tinvolvi medda wiesgħa ta' atturi, inklużi ministeri u aġenziji governattivi, parlamenti, is-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji u s-settur privat.
7. Abbażi ta' din id-Dikjarazzjoni, l-UE ser tmexxi l-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-isħab tal-Lvant bil-ħsieb li tfejji Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija tal-Lvant li għandha tiġi adottata fis-summit ta' tnedija tas-Sħubija tal-Lvant fis-7 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess it-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant bħala sforz komuni mal-isħab, filwaqt li huwa kunfidenti li din l-inizjattiva ser tавvanza l-kawża ta' governanza tajba, iżżid il-prosperità u ssaħħa l-istabbiltà, waqt li tipprovdi għal benefiċċji dejjiema u evidenti għaċ-ċittadini tal-pajjiżi parteċipanti kollha.

Lista tad-dokumenti ta' referenza ppreżentati lill-Kunsill Ewropew

Sitwazzjoni ekonomika, finanzjarja u soċjali

- Dokument dwar il-Kwistjonijiet Prinċipali adottati mill-Kunsill (ECOFIN) (6784/2/09 REV 2)
- Rakkomandazzjonijiet Integrati Speċifiċi għall-Pajjiż: kontribut tal-Kunsill (ECOFIN) (7444/09)
- Rati tal-VAT imnaqqs: Qbil milħuq fil-Kunsill (ECOFIN) (7448/1/09 REV 1)
- Tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi: kontribut tal-Kunsill (ECOFIN) (7445/09)
- Dokument tal-Presidenza dwar il-messaġġi ewlenin għas-Summit tal-G20 fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-kriżi ekonomika dinjija (7523/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (Kompetittività) dwar is-Segwitu tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku (7383/09)
- Messaġġi Prinċipali adottati mill-Kunsill (Kompetittività) (7232/09)
- Messaġġi Prinċipali adottati mill-Kunsill (EPSCO) (7434/09)
- Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (7435/09)
- Linji Gwida għal Linji Politiċi dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri (7436/09)
- Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2009 (7503/09 + ADD 1)
- Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, 2009 (7017/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mobbiltà professjonali u ġeografika tal-forza tax-xogħol u l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea (6480/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda: L-antiċipar u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa (6479/09)
- Messaġġi Prinċipali adottati mill-Kunsill (EŻK) dwar il-politika taż-żgħażaġh (6669/09) u l-edukazzjoni u t-taħriġ (6666/09)

Enerġija u tibdil fil-klima

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) Konklużjonijiet dwar id-dimensjoni tal-iżvilupp għal ftehim komprensiv post-2012 dwar it-tibdil fil-klima (7645/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (ECOFIN) dwar il-finanzjament internazzjonali tat-tibdil fil-klima (7443/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (Ambjent) dwar aktar żvilupp tal-pożizzjoni tal-UE dwar ftehim komprensiv post-2012 dwar il-klima fit-2 ta' Marzu 2009 (7128/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (Ambjent) dwar it-tħejjija tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa (7065/09)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (TTE) dwar it-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija (6692/09)
- Nota mill-Presidenza dwar il-Konferenza dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Elettriku (6253/09)

Affarijiet oħra

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) dwar l-Afganistan (7610/09)
- Rapport dwar il-progress miksub mill-Unjoni Ewropea fl-2008 (6788/1/09 REV1)